**13 ta' Frar, 1997**

**Imhallfin:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D. - Agent President**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**
**Onor. Giannino Caruana Demajo B.A., LL.D.**

Michael Mallia *noe*

*versus*

Carmel Debono *noe et*

## Tribunal Industrijali - Ġurisdizzjoni - Nuqqas ta' Appell

*Skond il-liġi, Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni esklussiva li jikkonsidra u jiddeċidi l-każijiet kollha fejn ikun allegat li saret tkeċċija inġusta; ir-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi għal ksur tad-dritt tiegħu li ma jitkeċċiex b'mod inġust, ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra.*

*Ma hemmx dritt ta' appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali u l-funzjoni tal-Qorti hija biss ta' kassazzjoni u mhux li tissindika l-interpretazzjonijiet legali li jkun għamel it-Tribunal Industrijali.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-5 ta' Ottubru, 1994 fil-kawża fl-

ismijiet premessi, liema sentenza hija kif ġej:

"Il-Qorti:

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur *nomine* ppremetta:

Illi b'deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali mogħtija fil-21 ta' Jannar, 1994 fil-kwistjoni tax-xogħol bejn Sandra Jenkins u Zammit Clapp Hospital (każ nru. 794) (dokument "A"), il-konvenut, fil-kwalità tiegħu ta' *Chairman* tat-Tribunal Industrijali laqa' s-sottomissjonijiet tal-konvenuta l-oħra magħmula fis-sens li l-provvedimenti ta' l-artikolu 34 (1) tal-Kap. 135 tal-Liġijiet ta' Malta ma kinux jippermettu li l-atturi *nomine* jestendu ż-żmien ta' prova miftiehem ta' sitt xhur fl-impieg tal-konvenuta oltre l-perijodu ta' sitt xhur, la darba kien hemm irbit bil-ftehim bejn l-istess konvenuta u l-atturi *nomine* tal-15 ta' Diċembru, 1992 (dokument "B"), li kien jispeċifika żmien definittiv ta' prova ta' sitt xhur bejn l-istess partijiet; u li l-istess ftehim kien jammonta għal kuntratt validu skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 1233 (2) tal-Kodiċi Ċivili li ma setax jiġi alterat jekk mhux bil-kunsens taż-żewġ partijiet; u li l-konvenuta meta ġiet mgħarrfa mill-atturi *nomine* fl-10 ta' Ġunju, 1993, qabel l-iskadenza tas-sitt xhur, bid-deċiżjoni tagħhom li jestendulha ż-żmien ta' prova, hija ma tatx il-kunsens tagħha għal dik l-estensjoni;

Illi d-deċiżjoni msemmija taċ-*Chairman* tat-Tribunal Industrijali u s-sottomissjonijiet magħmula mill-konvenuta jikkostitwixxu interpretazzjoni erronea tal-provvedimenti statutorji rilevanti għall-każ u tal-fatti u huma ta' preġudizzju għall-atturi *nomine*;

Talab li din il-Qorti:

Tiddikjara li l-paragrafu tal-klawsola numru 1 tal-kuntratt ta' l-impieg tal-15 ta' Diċembru, 1992 ta' Sandra Jenkins u Zammit Clapp Hospital li tgħid "*This agreement is subject to a probationary period of six months ending 13th June, 1993*", ma kienx ta' ostakolu għall-atturi li jestendu l-*probationary period* skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 34 (1) tal-Kap. 135 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tiddikjara li l-provvedimenti ta' l-artikolu 1232 (2) tal-Kodiċi Ċivili ma kinux ta' ostakolu għall-atturi *nomine* li, in forza tal-provvedimenti ta' l-artikolu 34 (1) tal-Kap. 135 tal-Liġijiet ta' Malta, jestendu l-*probationary period* miftiehem mal-konvenuta fl-*agreement* tal-15 ta' Diċembru, 1992;

Tiddikjara mingħajr preġudizzju għall-premess, il-fatt li l-konvenuta ma wriet ebda dissens u baqgħet fl-impieg wara li fl-10 ta' Ġunju, 1993 ġiet infurmata bid-deċiżjoni ta' l-atturi *nomine* li jestendulha l-*probationary period* oltre t-13 ta' Ġunju, 1993 kien jikkostitwixxi aċċettazzjoni suffiċjenti ammontanti għal kunsens taċitu ta' l-estensjoni tal-*probationary period*;

Tiddikjara li d-deċiżjoni tal-konvenut fil-kwalità tiegħu premessa tal-21 ta' Jannar, 1994 fil-kwistjoni tax-xogħol numru 794 hija erronea fil-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur *nomine;*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepiet:

"Apparti kull kwistjoni ta' irritwalità fiċ-ċitazzjoni li jitħarrek iċ-*Chairman* tat-Tribunal, li skond għandu *(sic)* is-setgħa l-poter bħal Qorti tal-Kummerċ u l-irritwalità ta' l-azzjoni kollha kemm hi, is-sentenza mogħtija mit-Tribunal hija ġustissima u timmerita li ma tiġix disturbata fil-meritu;

B'riserva ta' kull eċċezzjoni oħra";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Debono *nomine* li biha eċċepixxa:

*Omissis*;

"Illi l-eċċipjenti fil-kwalità tiegħu ta' *Chairman* tat-Tribunal Industrijali mhux azzjonabbli u għalhekk mhux il-leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi u għandu jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju bi spejjeż kontra l-attur nomine; minbarra dan, l-ewwel tliet talbiet attriċi m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' l-operat ta' l-eċċipjenti u għal dan ukoll mhux il-leġittimu kontradittur tagħhom;

Illi, fil-meritu u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni hija rrita a tenur ta' l-artikoli 34 (1) u 35 (1) tal-Kap. 266 tal-Liġijiet ta' Malta, billi ma jeżistix id-dritt ta' appell minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali u billi kwistjonijiet dwar deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal għandhom jiġu ventilati quddiem l-istess Tribunal u mhux quddiem il-Qrati Ordinarji;

Illi inoltre dan id-deċiżjoni preliminari mogħtija fl-10 ta'

Jannar, 1994, kienet konformi mad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 32 ta' l-imsemmi Kap. 266 u għalhekk l-istess deċiżjoni mhix sindakabbli mill-Qrati Ordinarji;

Salvi eċċezzjonijiet oħra";

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Carmelo Debono *nomine*;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tat-2 ta' Ġunju, 1994 li biha il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tqis qabel xejn l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Carmel Debono *nomine*;

*Omissis*;

Il-konvenut *nomine* fil-kwalità tiegħu ta' *Chairman* tat-Tribunal Industrijali jeċċepixxi li mhux azzjonabbli u għalhekk mhix il-leġittimu kontradittur ta' l-attur *nomine*. Din l-eċċezzjoni tirriżulta pjenament ġustifikata. Infatti ma hemm xejn fil-kawżali taċ-ċitazzjoni li jattribwixxi (lill-konvenut) bħala l-ġudikant "b'xi difett li ma jinstabx direttament u espressament fil-ġudikat tiegħu ... u għalhekk billi hi din id-

deċiżjoni li qed tiġi mpunjata u mhux l-operat tiegħu meta ta dik id-deċiżjoni - huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur ta' dawn l-atturi" (**Alfred Pisani** *et vs* **Joseph Borg Bartolo** - deċiża mill-Prim'Awla fis-7 ta' Lulju, 1989 u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar, 1993). Din il-Qorti kif presjeduta kellha l-opportunità li teżamina dan l-aspett f'ċertu dettal fil-kawża ukoll deċiża llum fl-ismijiet **Anthony Borg Cardona** *vs* **Joseph Busuttil** *et noe*. Dawk il-konsiderazzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis* għal dan il-każ, anke inkwantu jirreferu għal ċirkostanzi li fihom iċ-*Chairman* tat-Tribunal Industrijali - u verament ta' tribunal kważi ġudizzjali oħra - jista' jkun personalment azzjonabbli. Issir riferenza għalihom u mhux il-każ li jiġu hawn riprodotti;

Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk milqugħa u konsegwentement il-Qorti tillibera lill-konvenut *nomine* mill-osservanza tal-ġudizzju. Mhux il-każ allura li l-Qorti teżamina oltre eċċezzjonijiet oħra li l-konvenut *nomine* ta fir-rigward tal-meritu;

Il-Qorti tqis issa l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Sandra Jenkins. Hi teċċepixxi illi s-sentenza mogħtija mit-Tribunal "hija ġustissima u timmerita li ma tiġix disturbata fil-meritu". Hi tagħmel ampja riferenza għar-raġunament ta' l-istess sentenza li hija ċara, motivata, bbażata fuq il-liġi kemm ordinarja u kemm speċjali u għalhekk ma hemm l-ebda interpretazzjoni erronea;

Il-Qorti eżaminat sewwa t-termini ta' l-*award*, il-motivazzjoni tiegħu u l-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal u tagħmel is-segwenti konsiderazzjoni:

Il-kwistjoni tax-xogħol ġiet riferita lit-Tribunal Inudstrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani kif dispost fl-artikolu 28 (2) tal-Kap. 266. Il-konvenuta Jenkins qed

tikkontesta l-liċenzjament tagħha mill-impieg bħala konsegwenza diretta ta' l-estensjoni unilaterali da parti ta' l-attur *nomine* ta' żmien ta' *probation* ta' sitt xhur oriġinarjament bonarjament konvenut fil-kuntratt ta' servizz, dana minn sitt xhur għal disa' xhur;

L-artikolu 28 tal-Kap. 266 jiprovdi li "Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industirjali jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċidi l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija nġusta għal kull għan ... u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi għal ksur tad-dritt tiegħu li ma jitkeċċiex b'mod inġust, ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra". Ġurisdizzjoni esklussiva li teskludi l-inġerenza u l-kompetenza tal-Qrati Ordinarji ħlief naturalment f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn ir-regoli ġenerali tad-dritt jinvestu f'din il-Qorti l-poter li tissindika l-operat tat-Tribunal Inudstrijali biex jiġi assigurat li jkunu ġew osservati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u biex jiġi assigurat li ma jkunx hemm xi enunċjazzjoni ħażina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi. Anke f'dan ir-rigward il-Qorti kellha l-opportunità li tiddelibera ulterjorment fil-kawża **Borg Cardona** ***vs*** **Busuttil** ***et noe*** deċiża llum kif ċitata u biżżejjed li hawn isir riferenza ampja għal konsiderazzjonijiet tagħha f'dik il-kawża. Jingħad biss illi din il-kompetenza tal-Qorti illi tassigura li ma ssirx enunċjazzjoni ħażina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi mhijiex waħda illimitata. Tista' tiġi eżerċitata biss "mingħajr ma l-Qorti tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-Bord. La l-liġi fdat dik il-funzjoni kważi ġudizzjarja f'idejn il-Bord, huwa l-Bord u ħadd ieħor għaliha li jrid jiddeċidi" - deċiża mill-Prim'Awla fl-10 ta' Ġunju, 1987). Dan japplika a *fortiori* fejn il-liġi - bħal f'dan il-każ - tinvesti lit-Tribunal b'ġurisdizzjoni esklussiva f'każijiet ta' tkeċċija nġusta. Il-Qorti trid toqgħod ferm attenta li ma teżawtorax lit-Tribunal mill-funzjonijiet proprji tiegħu li jinkludu dawk illi jinterpreta mhux biss l-elementi ta' fatt li

jinġiebu quddiemu imma ukoll il-punti ta' dritt rilevanti għall-każ partikolarment dawk relattivi għal-leġislazzjoni speċjali dwar relazzjonijiet industrijali u kundizzjonijiet ta' xogħol. Interpretazzjoni li spiss il-liġi timponi għaliha kriterji partikolari li għandhom jiġu segwiti u konsiderazzjonijiet ta' politika soċjali u ekonomija nazzjonali - konsiderazzjonijiet li xort'oħra jmorru oltre r-regoli stretti ta' interpretazzjoni normalment rikonoxxuti (ara per eżempju l-artikolu 32 tal-Kap. 266);

Kif sewwa ssottometta l-konvenut *nomine* l-liġi f'każijiet simili ma tippermettix makkinarju ta' reviżjoni tad-deċiżjoni tat-Tribunal fi stadju ta' appell. Ir-reviżjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet fis-sens ta' konsiderazzjoni mill-ġdid tal-meritu in vista ta' tibdil ta' ċirkostanzi jew raġunijiet oħra tista' ssir biss b'talba quddiem l-istess Tribunal u f'dan il-kuntest japplika t-terminu ta' sena kif dispost fl-artikolu 34 (1) tal-Kap. 266 li fih hu prekluż lill-partijiet li jieħdu azzjoni unilaterali għal tali reviżjoni band'oħra. Terminu dan li ma japplikax għall-preżenti istanza inkwantu t-talba ta' l-attur *nomine* ma tammontax għal reviżjoni ta' l-*award* tat-Tribunal imma għall-impunjazzjoni tiegħu inkwantu hu allegat li kien hemm interpretazzjoni erronea tal-liġi;

Interpretazzjoni erronea li l-Qorti verament ma tirravviżax la fl-enunċjazzjoni tal-liġijiet speċjali ta' indole industrijali li hi ta' kompetenza esklussiva ta' l-istess Tribunal f'dan il-każ u lanqas f'dik ta' liġijiet oħra u ta' dritt in ġenerali;

L-interpretazzjoni tal-*contract of service* li hu vinkolanti fuq l-attur *nomine* bħala *employer* u l-konvenuta Jenkins bħala mpjegata taqa' fil-mansjoni proprja tat-Tribunal kif hu ukoll fil-kompetenza tat-Tribunal li jiddelibera u jinterpreta l-provvedimenti tal-liġi speċjali li jirregolaw il-perjodu ta'

*probation* u l-possibbli estensjoni tiegħu fid-dawl taċ-ċirkostanzi li taw lok għall-allegata tkeċċija inġusta tal-konvenuta. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha s-setgħa u lanqas hu opportun li tiddisturba d-diskrezzjoni tat-Tribunal Inudstrijali vestit bil-liġi b'ġuridizzjoni esklussiva li jeżerċita din il-funzjoni. Dan apparti li l-Qorti tara ħafna sens ġuridiku fil-konsiderazzjoni illi l-ftehim bil-miktub għandu jorbot lil firmatarji fit-termini stretti tiegħu u li ma għandux jiġi mibdul jekk mhux bil-ftehim tal-partijiet. Hu veru li l-liġi tagħti l-fakoltà fiċ-ċirkostanzi applikabbli bħal dawk tal-każ in eżami illi ż-żmien tal-*probation* jiġi estiż sa sitt xhur u anke mtawwal sa sena. Dana fejn l-impieg ikun regolat minn ftehim industrijali jew b'kuntratt ta' servizz. Dana ma jfissirx però li dan jista' jiġi mtawwal b'mod unilaterali minn min iħaddem. Bil-maqlub huwa terminu li jrid jiġi propost minn min iħaddem u aċċettat mill-impjegat li jidher li għandu jkun stipulat fil-kuntratt ta' servizz jew fil-ftehim industrijali. Il-liġi ma tipprospettax li jsir estensjoni ta' dan it-terminu b'azzjoni unilaterali da parti ta' min iħaddem. Tagħti biss il-fakoltà - fl-interess taż-żewġ partijiet - li jiftiehmu fuq perijodu ta' prova sa żmien massimu ta' sena u ma tippermettix żmien itwal fl-interess tal-ħaddiem. Però meta sar il-kuntratt ta' servizz jew il-ftehim industrijali jew jekk jiġi alterat u mtawwal dan ikun sar wara bil-kunsens taż-żewġ partijiet;

Fl-aħħarnett il-Qorti ma tqisx li tista' tiddelibera fuq is-sottomissjoni ta' l-attur *nomine* li "l-fatt li l-konvenuta ma wriet l-ebda dissens u baqgħet fl-impieg wara li fl-10 ta' Ġunju, 1993 ġiet infurmata bid-deċiżjoni tas-soċjetà attriċi li testendilha l-*probationary period* oltre għat-13 ta' Ġunju kien jikkostitwixxi aċċettazzjoni suffiċjenti ammontanti għall-kunsens taċitu ta' l-estensjoni tal-*probationary period*". Din hi materja mista ta' fatt u ta' dritt li taqa' fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal li dwarha timmotiva deċiżjoni li ma hi bl-ebda mod ċensurabbli mill-Qorti fil-limiti safejn hi minnha skond il-liġi sindakabbli;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet ta' l-attur *nomine* bl-ispejjeż kontra tiegħu";

*Omissis*;

Hu utili, anke għar-raġunijiet ta' loġika legali li jiġi deċiż l-ewwel u qabel kollox bħala meritu ta' dan l-appell jekk għandhiex tiġi revokata l-parti tas-sentenza appellata li lliberat lill-appellat Debono mill-osservanza tal-ġudizzju;

Ikkunsidrat fuq dan l-aspett:

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li mhuwiex il-każ illi dik il-parti relattiva tas-sentenza appellata tiġi revokata. Dana għal żewġ raġunijiet;

Fl-ewwel lok ir-raġunijiet illi indikat l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha u li jiffurmaw il-bażi għal dik il-parti tad-decide, huma korretti legalment kif ukoll ineċċepibbli u għalhekk din il-Qorti mhux biss tikkondividihom iżda anke tagħmilhom tagħha;

Fi kwalunkwe każ ma sarux sottomissjonijiet biex jiġu ventilati raġunijiet ta' indoli legali li a bażi tagħhom din il-Qorti setgħet tikkunsidra il-possibbilità li tvarja dik il-parti tas-sentenza appellata;

Ikkunsidrat fuq il-kumplament tal-meritu ta' l-appell;

Jiġi osservat l-ewwel u qabel kollox li għalkemm fis-sentenza appellata ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti hadet kura li tispjega l-posizzjoni legali kwantu jirrigwarda l-ġurisdizzjoni

tal-Qrati Ordinarji fil-konfront u fir-rigward ta' deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal Industrijali, dan il-punt ġie injorat kompletament mill-appellant fil-petizzjoni ta' l-appell tiegħu għalkemm hu evidenti illi huwa ta' portata legali konsiderevoli;

Il-Qorti għalhekk jidhrilha illi anke in aġġunta anke ma dak illi hemm fis-sentenza appellata għandha tespandi xi ftit fuq dan l-aspett ta' indoli legali;

Din il-Qorti fis-sentenza tagħha ta' l-20 ta' Mejju, 1991 in re **John Holland *noe vs* Julian Schembri** fir-rigward tal-kwistjoni tal-kompetenza tal-Qrati Ordinarji fi kwistjonijiet li jqumu dwar l-operat tat-Tribunal Industrijali imwaqqaf bis-saħħa ta' l-artikolu 26 tal-Kap. 266 tal-Liġijiet ta' Malta kienet qalet dan li ġej:

"Din il-kwistjoni tinqasam fi tnejn. L-ewwel waħda tirrigwarda in ġenerali l-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati biex jieħdu konjizzjoni ta' l-operat tat-Tribunal Industrijali u imbagħad it-tieni waħda - li tirrigwarda l-limiti speċjali u speċifiċi ta' dik il-ġurisdizzjoni";

"It-Tribunal Industrijali jrid jaġixxi u jimxi *intra vires* lilu mogħtija fil-Kapitolu 266 tal-Liġijiet. Il-Qrati Ordinarji jissindikaw l-operat tat-Tribunal, għalhekk, meta huwa jmur *ultra vires* lilu mogħtija;

It-Tribunal għandu ukoll - artikolu 31 (3) tal-Kap. 266, jieħu ħsieb, li tkun xi tkun il-proċedura li juża, (a) jassikura li l-ġustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-każ u (b) li dik tkun bla ħsara għar-regoli tal-ġustizzja naturali;

Finalment skond l-artikolu 32 (4) ta' l-istess Kap:

"It-Tribunal ma għandux jagħti xi sentenza jew deċiżjoni li tkun kontra xi liġi miktuba jew xi att ieħor li jkollu forza ta' liġi li jirregola l-pagi jew pattijiet u kundizzjonijiet oħra ta' impieg";

"Il-kwistjonijiet li jkollu quddiemu t-Tribunal Industrijali u fejn għandu ġurisdizzjoni esklussiva, huma dawk li jirrigwardaw l-allegazzjoni minn xi impjegat li saret tkeċċija inġusta mill-impieg tiegħu - artikolu 28 (1) Kap. 266";

Fl-istess sentenza din l-istess Qorti in rikapitulazzjoni kienet żiedet tgħid dan li ġej:

"(a) Il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni ġenerali ta' dawn il-Qrati biex jissindikaw l-operat u d-deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali mwaqqaf bl-artikolu 26, Kap. 266, hija issa ilha li ġiet riżoluta affermattivament mill-ġurisprudenza (Prim'Awla tal-Qorti Ċivili - Ċitaz. 327/87 - **Montalto *vs* Chircop** tat-18 ta' April, 1987; P.A. Ċitaz. Nru. 174/87, **Montalto *vs* Clews** tas-26 ta' Mejju, 1987; P.A. Ċitaz Nru. 609/86, **Borg D'Anastasi *vs* Decesare** tat-3 ta' April, 1989 u P.A. Ċitaz. Nru. 831/88, **Privitera *noe* *vs* Bonello** tat-23 ta' Ġunju, 1989). Ir-raġunijiet hemm indikati huma diversi u mhux kollha korretti però l-konklużjoni finali dejjem kienet waħda u hija korretta u llum għandha tkun konsiderata paċifika ...

Dik il-ġurisdizzjoni però hija limitata - kif ġà ntqal għat-tliet kapijiet li hemm imsemmija fil-paragrafu 7 supra";

Sussegwentement din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 1991 in *re* **Reno Alamango *vs* Mary Rose Ciantar** tat sentenza oħra fejn irribadiet illi:

"Dik il-ġurisdizzjoni però hija limitata għal meta t-

Tribunal Industrijali tmur *ultra vires* lilu moghtija u/jew ghal meta ma jkunx assigura li l-ġustizzja ssir skond ilmenti tas-sustanza tal-każ u li din tkun bla ħsara ghar-regoli tal-ġustizzja naturali u/jew meta t-Tribunal jaghti xi sentenza jew deċiżjoni li tkun kontra xi liġi miktuba jew xi att iehor li jkollu forża ta' liġi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kundizzjonijiet ohra ta' impieg;

It-Tribunal Industrijali ghandu skond il-Kap. 266 ġurisdizzjoni esklussiva f'każijiet ta' allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta fit-termini ta' l-artikolu 28 (1) u l-każ preżenti huwa wiehed minn dawn u biex dik il-ġurisdizzjoni esklussiva tiġi disturbata jridu jikkonkorru xi wiehed mill-elementi gravi msemmija diġà";

Fis-sentenza taghha tal-25 ta' Marzu, 1991 in re **Anġlu Fenech** ***et nomine vs*** **Albert Mizzi** ***et nomine*** din il-Qorti żiedet tghid, dejjem fl-istess kuntest, illi:

"Jidher li qatt ma huwa biżżejjed li jiġi ripetut li fis-sistema ntrodotta bl-Att XXX ta' l-1976 - illum il-Kapitolu 266 tal-Liġijiet - mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali m'hemmx appell - u l-Qrati ghandhom funzjoni ta' kassazzjoni fl-ewwel grad u appell mill-ġudizzju ta' kassazzjoni fit-tieni grad";

Fis-sentenza taghha tas-17 ta' Mejju, 1993 in re **Avukat Dottor Vincent Falzon** ***noe vs*** **Isabelle Grima** din il-Qorti rribadiet illi:

"Ghandha tenfasizza illi l-liġi ma kkonċedietx id-dritt ta' appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal Inudstrijali u ghalhekk dawn il-Qrati Superjuri ma ghandhomx ġurisdizzjoni biex jirrieżaminaw jew jirrevedu l-meritu tal-kontroversja li ġiet

deċiża mit-Tribunal Industrijali";

Fuq il-bażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija sodisfatta, illi l-osservazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-kompetenza tagħha li tissindika l-operat tat-Tribunal Industrijali f'dan il-każ, huma korretti legalment u mhuwiex il-każ illi jingħad iżjed minn hekk fuq daqstant;

*Omissis*;

Fid-dawl ta' dan kollu, wieħed jifhem illi s-sottomissjonijiet li l-appellant issa qed jagħmel bħala aggravji ta' l-appell tiegħu ftit jista' jkollhom utilità għal fini ta' dan l-appell il-għaliex kif ingħad fl-ewwel lok huwa ma kellu qatt u ma jistax ikollu dritt ta' appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal Inudstrijali u fit-tieni lok il-funzjoni ta' l-Ewwel Qorti kienet biss ta' kassazzjoni u ta' din il-Qorti huwa dak ta' revizjoni ta' dik il-kassazzjoni però mhux li tissindika l-interpretazzjonijiet legali li jkun għamel it-Tribunal Industrijali illi kif ġie osservat għandu l-kompetenza esklusiva fil-kuntest ta' każijiet bħal dak ta' l-appellata Sandra Jenkins. Kif sewwa ġie osservat mill-Ewwel Qorti l-interpretazzjoni tal-*contract of service* li hu vinkolanti fuq l-attur bħala *employer* u l-konvenuta Jenkins bħala impjegata taqa' fil-mansjoni proprja tat-Tribunal kif hu ukoll fil-kompetenza tiegħu li jiddelibera u jinterpreta l-provvedimenti tal-liġi speċjali li jirregolaw il-perijdou ta' *probation* u l-possibbli estensjoni tiegħu fid-dawl taċ-ċirkostanzi li taw lok għall-allegata tkeċċiija nġusta tal-konvenuta;

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tħossx li għandha tikkunsidra aktar l-aggravji ta' l-appellant;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi respint u s-sentenza

appellata qed tiġi konfermata bl-ispejjeż ta' din l-istanza a kariku ta' l-appellant.